# *Pre-Budget* 2010

# Analiżi u Diskussjoni fi ħdan

# il-Forum Żgħażagħ Laburisti

## 4 ta' Novembru 2009

FZL

# Indiċi


Preambolu ........................................ 3

Metodoloġija ........................................ 3

PGD u Standard tal-Ħajja ........................................ 4

Fig 1: PGD *per capita* f'termini ta' PPS ........................................ 4

Fig 2: Perċentwali ta' bidla fil-PGD *per capita* f'termini ta' PPS ........................................ 5

Politika Fiskali ........................................ 6

Qagħd u Pagi ........................................ 6

Prezz u Inflazzjoni ........................................ 7

Fig 3: 12 Rata ta' Inflazzjoni Medja fix-Xahar ........................................ 8

Fig 4: Ċiklu Ekonomiku Tipiku ........................................ 9

Kompetittività u Konverġenza ........................................ 9

Fig 5: Ix-Xogħol u l-produttività ........................................ 10

Taxxa Korrotta ........................................ 11

Fig 6: Pożizzjoni tal-*Benchmark Peers* ........................................ 12

Fig 7: L'Indiċi tal-Korruzzjoni f'Malta ........................................ 12

Edukazzjoni ........................................ 13

Konklużjoni ........................................ 13

## Preambolu

Dan id-dokument jagħti ħarsa lejn l-istat attwali li fiha tinsab l-ekonomija u dwar il-fehmiet għall-iżvilupp soċju-ekonomiku ġejjieni ta' Malta imsejjsa fuq il-isfidi kurrenti li 'l-poplu Malti, b'mod speċjali ż-żgħażagħ, qegħdin jgħixu.

Id-Dokument tal-*Pre-Budget* huwa biċċa xogħol akkademika tajba li tagħti importanza lill-isfidi li qegħda taffronta l-ekonomija Maltija; sfidi li ilhom magħna għal dawn l-aħħar snin. Dan id-dokument jista' jkun ta' interess li ma bħalu għal xi akkademiku, b'mod speċjali għal min qed jitħarreġ fl-ekonomija, ladarba dan l-istess dokument seta' ttieħed direttament mill-analiżi letterarja ta' xi teżi tad-Dottorat. Fuq il-lat negattiv naraw li joffri ftit wisq miżuri mfassla tassew sabiex xiprunaw d-diskussjoni. Minflok jagħżel li jikkonċentra fuq l-istatus tas-suq tax-xogħol, tal-livelli ta' edukazzjoni, tal-finanzi pubbliċi u tal-problemi li qed jiffaċċja Għawdex b'mod partikulari. Ma hemm xejn ħażin f'dan, madanakollu Dokument tal-*Pre-Budget* għandu jmur lill-hinn min dan.

Dan id-Dokument tal-*Pre-Budget* huwa maqsum f'żewġ analiżi *SWOT*; waħda dwar Malta u l-oħra dwar Għawdex. Din tal-aħħar tagħti aktar importanza konċiża u dibattibbli filwaqt tal-ewwel, minkejja li hija waħda estensiva, hija ferm fqira f'punti ta' diskussjoni b'mod partikulari fil-qasam tal-opportunitajiet. Fil-fatt f'din is-sezzjoni insibu analiżi *SWOT* tajba iżda mingħajr l'O li titratta l-Opportunitajiet.

Dan il-fattur huwa l-akbar nuqqas ta' dan id-Dokument li ebda materjali ta' natura ekonomika, grafika jew tabelli ma tista' qatt tagħtih il-rilevanza meħtieġa sabiex jkun ta' interess dirett lill-imprendituri u lill-msieħba soċjali. Dan id-Dokument jagħti ħarsa tajba lejn id-diffikultajiet iżda jibqa' lura milli joffri xi ħaġa li tmur aktar il-bogħod min dak li ssoltu jkun fih il-*Quarterly Review* maħruġ mill-Bank Ċentrali. Il-prodott sorpriża probabbilment se jiġi żvelat nhar il-Budget. Filwaqt li din l-attitudni tista' tinftiehem fid-dawl tal-raġunijiet fiskali (u ġustifikabbli nasal nżid), ma tistax tiġi applikata fl-oqsma l-oħra li jinħtieġu l-viżjoni u l-ideat tal-imsieħba soċjali u tal-partit politiċi.

## Metodoloġija

Isegwu numru ta' issues dwar it-tkabbir ekonomiku li aħna nqisu tal-ikbar rilevanza f'dan il-mument partikulari. Fil-kuntest tal-ekonomija Maltija attwali, b'mod partikulari ċ-ċokon u l-ftuħ tagħha, l-għażla tal-iStati Membri ġie ridott għall-ekonomiji bi ftuħ iżgħar u b'livell simili tal-iżvilupp hekk kif rikonoxxut mill-PGD *per capita* fil-*PPS* ta' bejn 60 u 100 fil-mija tal-medja tal-

UE. Msejjes fuq dawn l-aspetti, l-ekonomija Maltija tista' tiġi paragunata ma' dik ta' Ċipru, tal-iSlovenja, tal-Greċja, tal-Portugall, tar-Repubblika Ċeka, tal-Ungerija u tal-iSlovakkja.

## PGD u Standard tal-Ħajja

F'dinja dejjem aktar globalizzata ma hiex ta' sorpriża li 'l-kriżi Ekonomika Internazzjonali ħalliet l-effetti koroh tagħha fuq Malta. Attwalment l-ekonomija Maltija tinsab f'reċessjoni fejn il-PGD huwa mistenni li jaqa' b'1% matul is-sena 2009. Hu ta' tħassib il-fatt li minkejja ma ntlaqatniex daqstant ħażin, hekk kif ġralhom pajjiżi oħra, l-ġid tal-Maltin ġie milqut ħażin ferm, agħar minn dak ta' pajjiżi oħra li kienu milquta b'mod aktar sever minna mir-reċessjoni internazzjonali.

Jekk jittieħed f'kunsiderazzjoni l-Prodott Gross Domestiku ta' Malta *per capita* fid-dawl tar-realtà tal-Unjoni Ewropea (UE-27 = 100), filwaqt li nneħħu d-differenza fil-livell ta' prezzijiet u nipparagunawha mall-pajjiżi msemmija nsibu li ġej:

## Fig 1: DGP *per capita* f'termini ta' PPS



## Fig 2: Perċentwali ta' bidla fil-PGD per capita f'termini ta' PPS




Iż-żewġ tabelli ta' figuri ta' hawn fuq (data *Eurostat*) jindikaw li minkejja li pajjiżi bħall-Greċja u l-Ungerija ġew milquta eħrex mill-mewġa tal-kriżi Ekonomika Internazzjonali, il-PGD *per capita* kiber b'mod sinjifikanti ferm sa mis-sena 2000. Fil-fatt, il-pajjiżi kollha msemmija, b'eċċezzjoni tal-Portugall, esperjenzaw titjieb fil-PGD *per capita* tagħhom, bl-iSlovakkja tilħaq il-quċċata ta' madwar 45% ta' żieda. Min naħa l-oħra, l-Maltin raw l-iStandard tal-ħajja tagħhom jitnaqqar u jaqa' b'madwar 10% matul dawn l-aħħar 8 snin. Dan ix-xenarju ġie kkonfermat mir-Rapport tal-*iŻvilupp Uman* tal-2009, maħruġ mill-*Programm tal-iŻvilupp tal-Ġnus Magħquda*. L-Indiċi tal-iŻvilupp Uman (HDI) huwa kejl użat sabiex jikklassifika l-pajjiżi fuq livell tal-"iżvilupp uman." L-*HDI* jiġbor fih miżuri normalizżati tal-aspettattiva tat-tul tal-ħajja, tal-livell tal-edukazzjoni u tal-PGD *per capita* tal-pajjiżi minn madwar d-dinja. Dan r-rapport juri kif minkejja li Malta għada meqjusa bħala pajjiż b'livell għoli ferm ta' żvilupp uman, ġiet ikklassifikata fl-aħħar post ta' din il-kategorija u tilfet 3 Pożizzjonijiet matul l-aħħar sena u qeda f'xifer li tiġi relegata mill-kategorija tagħha matul is-sena li ġejja.

Fil-fatt, attwalment Malta tinsab post biss wara il-pajjiż tal-Barbados u wieħed biss qabel tal-Bahrain. Huwa importanti li ta' min jislet nota li 'l-pajjiżi kollha taż-Żona Euro jinsabu f'Pożizzjonijiet ferm għola min dik ta' Malta.

Quddiem dawn iċ-ċifri, bħala Moviment taż-Żgħażagħ ma nistgħux ma nesprimux it-tħassib tagħna dwar il-ġejjieni, aktar u aktar fid-dawl tal-fatt li 'l-Ministru tal-Finanzi, fl-introduzzjoni tiegħu dwar id-Dokument ta' *Pre-Budget*, jisħaq li 'l-Maltin qegħdin jgawdu min standard tal-ħajja relattivament tajjeb. Jekk il-Ministru qed joħloq paragun bejn Malta u Kuba jew il-Litwanja, li jinsabu 8 postijiet biss warajna, allura f'dak il-każ tassew nkunu qegħdin ngawdu min ħajja relattivament itjeb, iżda jekk l-istess paragun jinżamm mall-pajjiżi fiż-Żona Euro, hekk kif għandu jkun, joħroġ ċar li qegħdin naqgħu lura.

## Politika Fiskali

Fid-dawl tax-xenarju ekonomiku attwali u li pajjiżi oħra fid-Dinja qegħdin jħaddmu b'mod persistenti politika ta' espansjoni fiskali, aħna rridu nsegwu dan l-eżempju minnufih, l-aktar fl-oqsma tal-ħolqien u tal-ħarsien tal-impjiegi. B'xorti ħażina, Gvernijiet Nazzjonalisti qatt ma' għarfu jħarsu 'l quddiem għall-żminijiet iebsa għaldaqstant dawn l-interventi ma jistgħux jkun intensivi daqskemm huma meħtieġa. Din s-sitwazzjoni tista' tnaqqas mill-effettività ta' dawn l-interventi.

## Qagħd u pagi

Sfortunatament llum, b'rata ta' 7.2%, għanda l-ogħla rata ta' qagħd fuq medda ta' dawn l-aħħar 10 snin. Minbarra l-istess ċifri, l-aktar tat-tħassib huma l-kummenti tal-Prim Ministru.

F'intervista reċenti huwa stqarr li l-istatistika reċenti tiċċertifika kif Malta hija wieħed mill-pajjiżi bl-anqas rata ta' diżokkupazzjoni bejn l-iStati tal-Unjoni Ewropea. Frażijiet simili juru biċ-ċar kif il-Gvern mhux qed jimpenja ruħu tassew sabiex jħares lejn iċ-ċifri b'mod olistiku, jew minħabba l-fatt li qed jħares lejn l-ekonomija mill-prospettiva kontabbli biss jew nkella' qed jilgħab bl-istatistika mill-punt internazzjonali sabiex juri biss dak li fl-opinjoni tiegħu huwa pożittiv.

Huwa pożittiv li jkollok rata baxxa ta' qagħd iżda din tinkiseb biss jekk il-ħaddiema jkomplu jitilfu il-drittijiet tax-xogħol tagħhom, tkabbir tas-salarji baxxi ħafna u billi jissagrifikaw jeddijiet li qabel kienu meqjusa bħala normali. Huwa minħabba dan il-fatt li qegħdin nitolbu għall-ħolqien ta' aktar impjiegi u għall-impjiegi aħjar. Ma nistgħux nkomplu nittolleraw aktar u aktar nies b'impjiegi part-time bħala l-impjieg full-time tagħhom, meta qegħdin isofru mill-ogħla rata ta' inflazzjoni u mill-anqas rata ta' żieda fil-pagi meta paragunati mall-pajjiżi l-oħra simili fl-EU. Ma

nistgħux nittolleraw aktar li persuni impjegati a bażi ta' kuntratti minflok impjegati full-time sabiex ma jkunux jistgħu jibbenefikaw mill-benefiċċji soċjali bħall-leave u leave f'każ ta' mard.

Il-Gvern attwali qed jittollera din is-sitwazzjoni sabiex jkun jista' jikseb figuri aktar diċenti fuq id-data tal-*Eurostat*. Ma nistgħux ma nagħtux widen sħiħ tagħna lill-karba tal-Isqof ta' Għawdex, l-Eċċ tiegħu Mario Grech, li sejjaħ lill-Gvern, l-imsieħba soċjali u lis-settur privat sabiex jindirizza b'mod mill-aktar urġenti d-diffikultajiet tan-nuqqas ta' impjiegi fil-gżira t'Għawdex.

Bħala pajjiż li qed jistabbilixxi l-għan li jikkonverġi r-riżorsi tiegħu, tinħass il-ħtieġa ta' tkabbir fin-numru ta' dawk li jaħdmu u li tikber l-effettività tal-iżvilupp tar-riżorsi umani.

Hawn il-Gvern għandu jara li:

- Jintroduċi aktar miżuri favur il-familja u b'*childcare centres* li tassew jkunu aċċessibbli min kulħadd sabiex joffri aktar opportunità lin-nisa fid-dinja tax-xogħol;
- Jinvesti aktar fir-riċerka u fl-iżvilupp;
- Itejjeb l-skemi preżenti tat-taħriġ kontinwu lill-ħaddiema;
- Jintorduċi u jesplora l-possibbiltà ta' ħolqien ta' *green jobs*;
- Jnaqqas il-VAT fuq is-servizzi tar-ristoranti sabiex jistimula d-domanda tas-settur;
- Jfassal pjan u jattwa skemi approprjati ta' housing sabiex jgħin liż-żgħażagħ b'mod partikulari dawk li qegħdin jfittxu li jsiru propjetarji tal-ewwel proprjetà tagħhom. Bosta skemi kienu varati matul il-medda tas-snin li ġew mwaqqfa sa mill-għada tal-Elezzjonijiet Ġenerali. Wasal iż-żmien li nindirizzaw din il-problema li qed tħasseb il-ġenerazzjoni żagħżugħa kollha.
- Tnaqqis tat-taxxa tad-dħul u l-varar ta' skemi ta' inċentivi li għandhom jservu ta' stimulu fid-domanda lokali li għadha tħalli aktar qliegħ lura permezz ta' qliegħ ogħla mit-taxxa tad-dħul tat-tkabbir ekonomiku. Dan għandu jidħol fis-seħħ flimkien ma' numru ta' miżuri aktar ħorox dwar evażjoni u abbużi mit-taxxa;
- Nfieq kapitali għadu jinżamm sabiex jindirizza il-prijoritajiet tal-pajjiż u dawn l-istess prijoritajiet għandhom jindirizzaw id-diffikultajiet tal-pajjiż;
- Fid-dawl tal-fatt lis-settur Finanzjarju Malti huwa stabbli u mogħni b'prospettivi gejjiena pożittivi, l-Gvern għandu jixprunhom sabiex jikkontribwixxi u jgħin mill-aħjar possibbli l-familji u l-intrapriżi, l-aktar dawk b'dħul baxx u medju, mmexxija min żgħażagħ u lill-*SMEs*.

- Għandha titfassal Politika dwar is-settur Turistiku u l-problemi relatati, bħal dawk tal-istaġuni, tar-ristrutturazzjoni meħtieġa, tal-żvilupp u tal-manutenzjoni tal-bajjiet, identifikazzjoni ta' niċeċ ġodda u strateġija ta' promozzjoni fost l-oħrajn.
- Jibda jwettaq il-miżuri diskussa mall-Kumitat tar-Reġjun ta' Għawdex u mall-*MCESD* sabiex joħloq tkabbir ekonomiku f'Għawdex u jara l-ħolqien ta' impjiegi u impjiegi aħjar f'dan ir-reġjun.

## Inflazzjoni tal-prezzijiet

Fig. 3 ta' hawn taħt turi kif Malta kellha l-ogħla rata ta' inflazzjoni fost l-iStati simili għalina msieħba fl-UE.

## Fig 3: 12 Rata ta' Inflazzjoni Medja fix-Xahar




Fig. 4 ta' hawn taħt turi ċiklu ekonomiku tipiku. Dan juri biċ-ċar kif l-inflazzjoni għanda terfa' rasha wara li jkun hemm tkabbir ekonomiku u żieda fis-salarji. F'Malta għanda sitwazzjoni fejn l-ekonomija tinsab f'reċessjoni, il-qagħd qed jiżdied filwaqt li 'l-pagi huma stabbli iżda l-inflazzjoni hija għolja. Jekk se nkomplu fuq dan il-pass se naslu f'sitwazzjoni ta' staġnar. Id-differenza bejn is-sitwazzjoni lokali u dik taż-żona Euro hija ta' xkiel kbir fl-isfida sabiex sseħħ konverġenza lejn l-iStati tal-UE l-oħra. Dan jista' jkun ta' periklu minħabba l-fatturi soċjali kontra filwaqt li l-effetti ekonomiċi ħżiena, bħal rata għolja ta' inflazzjoni, jistgħu jsiru permanenti. Quddiem din is-

sitwazzjoni l-Gvern ma jistax jibqa' mparzjali. D-dħul tal-Euro toffri protezzjoni mill-inflazzjoni monetarja madanakollu l-inflazzjoni domestika għanda tinżamm taħt kontroll permezz tal-politika lokali. Aħna nemmnu li 'l-punti suċċessivi jistgħu jgħinu sabiex l-inflazzjoni domestika tinżamm taħt kontroll:

- Jippromwovi l-stabbilità billi jiddikjara t-tariffi massimi tad-dawl u l-ilma u l-ispejjeż relatati;
- Jevita bidliet drastiċi bla mistennija;
- Jiffriża taxxi amministrattivi;
- Jwaqqaf aġenzija għall-protezzjoni tal-konsumatur;
- Joħloq u jifrex xibka ta' informazzjoni dwar il-prezzijiet b'mod partikulari dawk tal-frott u tal-ħxejjex, prodotti tas-saħħa, tal- edukazzjoni u tal-ikel.

## Fig 4 : Ċiklu Ekonomiku Tipiku




## Kompetittività u Konverġenza

Sabiex Malta tasal tikkonverġi mall-pajjiżi l-oħra tal-Unjoni Ewropea fuq il-livelli tad-dħul *per capita* rrid nżidu l-impjiegi u l-produttività. L'amministrazzjoni preżenti bidlet il-kompetittività f'terminu ekonomiku u tagħmel użu minnu sabiex tgħatti in-nuqqasijiet. B'xorti ħażina għall-

Gvern preżenti, kompetittività tfisser biss l-iffriżar tal-prezzijiet. Il-prezzijiet u l-infieq-kompetittività hija essenzjali iżda mhix l-unika rekwiżit. Għall-Prim Ministru, l-Effiċjenza tal-Gvern u il-produttività tal-Gvern ma jsibux lok fl-amministrazzjoni tiegħu. Ċ-ċifri miġbura mill-*Eurostat* juru kif taħt tmexxija ta' Gonzi, l-produttività tal-qasam tal-impjiegi naqas u mhux żdied. In-nuqqas fil-produttività tas-settur tal-impjiegi qed iseħħ minħabba n-nuqqas ta' investiment fir-riċerka u fl-iżvilupp, in-nuqqas ta' effettività, tal-produttività tal-edukazzjoni u tat-taħriġ kontinwu u varjat tal-ħaddiema, meta mqabbel mall-iStati l-oħra tal-UE.

Il-Gvern irid jkabbar il-produttività u l-effiċjenza tiegħu billi:

- Jara li l-infieq annwali ta' kull Ministru jinżamm mall-limiti hekk kif mbassar;
- Sensittiv lejn il-ħtiġijiet immedjati tal-ekonomija;
- Jinkisbu riżultati finanzjarji permezz ta' stimar tal-infieq mid-dipartimenti tal-Gvern fuq medda ta' snin;
- Valur għall-flus permezz ta' stimar tal-effiċjenza u tal-effettività tas-servizzi offruti mill-Gvern;
- Tnaqqis tal-piż tat-taxxi u fl-infieq tas-servizzi pubbliċi;
- Id-dħul tad-daqstant meħtieġa riformi jseħħ permezz ta' qbil politiku msejjes fuq djalogu soċjali, fid-dawl ta' meta l-Gvern preżenti għandu siġġu wieħed biss ta' maġġoranza fil-Parlament.

## Fig 5: Ix-Xogħol u l-produttività




It-tabella ta' hawn fuq tikkonferma kif it-tkabbir fil-PGD ma jistax jinkiseb biss permezz tat-tkabbir tal-produttività tas-suq tax-xogħol. Minkejja l-fatt li dan għandu rwol importanti ferm, wieħed ma jistax ma jinnotax kif pajjiżi bħal Greċja, Ċipru, Slovenja u r-Repubblika Ċeka għandhom suq tax-xogħol b'rata ferm iżgħar min dak ta' Malta iżda xorta waħda jirnexxielhom jiksbu rata ogħla ta' PGD *per capita*. Dan jindika kif il-ħsieb tal-effiċjenza u tal-produttività tal-amministrazzjoni ċentrali għandhom jsibu ruħhom fuq nett tal-aġenda tal-Gvern.

## Taxxa Korrotta

Studju maħruġ mill-*Fond Monetarju Internazzjonali* juri kif il-kontabbiltà u l-kontroll tal-Gvern dwar il-korruzzjoni huma ta' detriment fiż-żieda tat-titjieb tal- kompetittività.

Bosta studji juru kif *li l-effettività tas-"sehem" tal-Gvern f'dan il qasam hija sinjifikattivament marbuta mall-"kontroll tal-korruzzjoni". Bil-kontra, l-prevalenza tal-korruzzjoni inġenerali għanda konnotati negattivi fil-qasam tat-tkabbir fid-dħul u fl-ekwità fid-dħul, għan-nazzjonijiet u għall-iStati.*

Il-Bank Dinji jbassar li "*l-korruzzjoni hi fost l-akbar xkiel għall-ekonomija u għall-iżvilupp soċjali. Hi timmina l-iżvilupp billi tnaqqas l-effettività tal-liġi u billi dgħajjef is-sisien tal-istituzzjonijiet li fuqhom jinbena t-tkabbir ekonomiku. L-effetti negattiva tal-korruzzjoni huma tal-akbar piż fuq il-foqra, li huma fost l-agħar li ntlaqtu mir-reċessjoni ekonomika u li jiddependu l-aktar fuq is-servizzi soċjali filwaqt li huma l-anqas kapaċi li jħallsu spejjeż oħra relatati ma' tixħim, frodi u miżappropprazzjoni ta' privileġġi ekonomiċi.*

L-Indiċi tal-Perċezzjoni tal-Korruzzjoni maħruġ mit-*Transparency International*, fuq liema rapport jiġi kkalkulat il-livell ta' korruzzjoni preżent fil-pajjiż, juri kif taħt l-amministrazzjoni ta' Gonżi, Malta tinsab fl-agħar post meta mqabbla' mall-pajjiżi tal-UE simili għalija. Fil-fatt, kif tindika t-tabella ta' hawn taħt, Malta tilfet 12-il post matul dawn l-aħħar 4 snin.

## Fig 6: Pożizzjoni tal-Benchmark Peers.




## Fig 7: L'Indiċi tal-Korruzzjoni f'Malta




## Edukazzjoni

Ir-riżultati fil-qasam edukattiv f'Malta jħallu lok għal titjieb sinjifikanti meta mqabbla' mall-pajjiżi tal-UE simili għalina. Il-problema f'dan il-qasam hi li 'l-Gvern attwali jiftaħar li, *per capita*, qed jinvesti ħafna flejjes fl-edukazzjoni. Ma hemm xejn ħażin f'dan kollu iżda kif jindikaw numru ta' studji f'dan il-qasam, fis-settur edukattiv ma nsibu ebda relazzjoni sinjifikattiva bejn ir-riżultati edukattivi u l-infieq. Billi npoġġu aktar fondi fil-problemi, b'mod partikulari fl-oqsma tal-edukazzjoni u tas-saħħa, ta' spiss qegħdin naqgħu lura milli niksbu t-titjieb mistenni. B'dan kollu m'aħniex qegħdin ngħidu li 'l-Gvern għandu jwaqqaf l-investimenti tiegħu f'dawn iż-żewġt oqsma iżda nemmnu li l-infieq tal-Gvern għandu jkun sostnut permezz ta' miżuri ta' politika favur effiċjenza akbar, tkabbir tal-ekonomija, iżvilupp finanzjarju, kontabbiltà tal-Gvern u r-rażan tal-korruzzjoni u tal-burokrazija.

Problema oħra fil-settur edukattiv hija li għall-amministrazzjoni ta' Gonżi, l-edukazzjoni tirreferi biss għan numru ta' studenti li qegħdin jiggradwaw kull sena. L-edukazzjoni tmur lill-hinn min hekk. Biex nindirizzaw id-diffikultajiet fl-edukazzjoni, dawn is-sitwazzjonijiet għadhom jiġu indirizzati sa mill-bidu, sa mill-livell primarju.

Ġaladarba l-inflazzjoni tolqot lill-kulħadd, il-Gvern għandu jsib mekkaniżmu li jadatta u jinforza s-sistema tal-istipendji skond l-inflazzjoni, tal-lanqas dik relatata mall-edukazzjoni.

Il-Gvern għandu jara' li jippromwovi kommunità u relazzjoni tal-imprenditorjat mall-iskejjel sabiex jestendi it-tagħlim li jmur aktar il-bogħod min dak tal-bankijiet tal-iskola. Dan jwassal sabiex jitkattar l-interess tal-istudent u jkabbar l-esperjenza tat-tagħlim. Aktar min hekk, il-Gvern, permezz tal-*ETC*, għandu jara kif joffri xibka ta' ħarsien mtejjba liż-żgħażagħ permezz ta' skemi mfassla skond il-ħtieġa u ta' għajnuna għaż-żgħażagħ sabiex jkun possibbli għalihom jerġgħu jiksbu kuntatt mad-dinja tal-edukazzjoni jew tat-taħriġ filwaqt li jkunu flessibbli għad-dinja tax-xogħol, mogħnija b'ħiliet u b'attributi li jippromwovu għażliet pożittivi u ta' dinjità.

## Konklużjoni

Il-Gvern għandu jara li joħloq klima ideali sabiex jsostni mill-aħjar mod possibbli l-iżvilupp u t-tkabbir soċjali u ekonomiku. Dan żgur ma jistax jintlaħaq b'Prim Ministru li joħloq inċertezza dwar l-għoli jew le tat-tariffi tad-dawl u l-ilma. Dan l-aġir jwassal biss għal aktar instabbilità u dubbji dwar l-investimenti. Il-Prim Ministru u l-Ministru tal-Finanzi, b'mod partikulari, għandhom jkunu pożittivi fid-diskorsi tagħhom filwaqt li jgħidu l-affarijiet hekk kif inhuma mingħajr wegħdiet impossibbli li jitwettqu. Din is-sitwazzjoni qed toħloq instabbilità, nuqqas ta' kreddibbiltà, ħafna tamiet fiergħa u pretensjonijiet ġusti li l-Gvern għandu jwettaq dak kollu li jwiegħed bħal każ tar-riduzzjoni tat-taxxa tad-dħul.

Fid-dawl tas-sitwazzjoni ekonomika attwali u tas-sisien tal-pajjiż, il-politika tal-Gvern għandha tasal għal qbil u għal djalogu soċjali effettiv fil-ħolqien u fl-implimentazzjoni tal-politika soċjali u ekonomika tiegħu. Fl-aħħar nett, tinħass il-ħtieġa li jkun hawn Gvern li jagħraf tassew liema huma l-ħtiġijiet ta' dan il-pajjiż u jara tassew kif jpoġġi r-riżorsi kollha tiegħu sabiex naslu għal soluzzjonijiet li jkunu fl-interess nazzjonali.